**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar id-9 ta' Marzu 2022**

**Rikors Numru : 448/2021 JPG**

**Kawza Numru : 23**

**HC**

**Vs**

**EZ**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' HC datat 29 ta' Settembru 2021, a fol 1 et seqq li jaqra hekk:

1) *Illi l-kontendenti kkontrattaw iz-zwieg taghhom f'Malta fil-15 ta' Awwissu tas-sena 2015 kif jidher mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok A u minn dan iz-zwieg huma kellhom tifla wahda, AC, li twieldet fi'X;*

2) *Illi huma sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat nhar it-13 ta' Frar tas-sena 2018 fl-atti tan-nutar Clinton Bellizzi liema kuntratt qieghed hawn anness u mmarkat Dok B;*

3) *Illi l-manteniment dovut mill-esponent lit-tifla minuri dejjem thallas u ma hemm l-ebda arretrati;*

4) *Illi l-kontendenti ilhom jghixu mhux flimkien minn Lulju tas-sena 2018 u ma kien hemm l-ebda riunjoni minn dak iz-zmien s'issa.*

5) *Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti;*

6) *Illi ghalhekk l-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, m'huwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom;*

7) *Illi l-affidavit tal-esponent qieghed jigi hawn anness u mmarkat Dok C.*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett illi, a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 66B tal-Kapitolu 16, dina l;-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja s-smiegh ta-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 ukoll sabiex tigi stabbilita l-esistenza ta' dawk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi Artikolu 66C.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimata debitament notifikata, naqset milli tippresenta r-risposta taghha, u lanqas ma dehret ghas-seduti mhejijja, ghaldaqstant hija kontumaci (Vide fol 18);

Rat il-fakolta moghtija lill-intimata sabiex tippresenta s-sottomissjonijiet taghha ai termini tal-Art. 158(10) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi minkejja dan, l-intimata baqghet inadempjenti (vide fol 18);

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**HC xehed** (vide affidavit fol 13) illi l-kontendenti izzewwgu nhar il-15 ta' Awwissu 2015 u li minn dan iz-zwieg twieldet tifla, li ghadha minorenni. Sostna illi dan iz-zwieg ma rnexxiex u filfatt l-kontendenti sseparaw permezz ta' kuntratt datat 13 ta' Frar 2018. Iddikjara illi l-partijiet bdew jghixu hajja separata sa minn Lulju tal-2018 u minn dak iz-zmien 'l hawn qatt ma kien

hemm rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm ebda tama tal-istess. Di piu, ddikjara li ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-15 ta' Awwissu 2015, liema zwieg jgib certifikat numru 2576/2015 (Vide certifikat taz-zwieg fol 2). Minn dan iz-zwieg twieldet tifla li ghadha minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 13 ta' Frar 2018 fl-atti tan-Nutar Dr Clinton Bellizzi (vide Dok. B fol 4 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Di piu', il-Qorti taghraf illi ma jidher li hemm ebda eccezzjoni li din il-Qorti ghandha tqanqal ex-officio u dana fid-dawl tal-kontumacja tal-intimata.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2576/2015 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**